MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 41/2008

**Joseph Muscat**
**Vs**
**Prim Ministru, Ministru tal-Gustizzja u**
**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Joseph Muscat li permezz tieghu ppremetta :**

Illi huwa gie mitlub ihallas is-somma ta €635.06 rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura ta' Toyota Platz bin-numru tar-registrazzjoni EBJ 105 nhar it-22 ta' Novembru 2007 gewwa Aldo Moro l-Marsa.

Illi s-socjeta’ assikuratrici Untours Insurance Agency Limited C5655 kif surrogat fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Walter Darmanin qed ifittxu lill-stanti ghad-danni permess ta’ arbitragg sfurzat.

Illi in effett giet appuntat Centru Malti ghall-Arbitragg arbitru biex jisma’ l-kaz pero’ fl-ewwel udjenza quddiem l-arbitru fit-18 ta’ Lulju, l-esponent irrifjuta li jissottometti ruhu ghall-gurisdizzjoni ta’ l-istess arbitru u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi r-rikorrenti jidhirlu illi l-Avviz Legali 279 ta’ l-2005 u l-artikolu 15(II) tal-Kap. 387 (Att dwar l-Arbitragg) tal-Ligijiet ta’ Malta imur kontra l-provvedimenti ta’ l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6(i) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghandu jinghad li ghalkemm il-ligi titkellem bit-terminologija ta’ arbitragg fil-verita’ hawnhekk qed nitkellmu fuq tribunal u xejn izjed.

Illi huwa veru li l-Kostituzzjoni ta’ Malta fi kwistjonijiet civili titkellem fuq Qorti jew Awtorita’ gudikanti imwaqqfa bil-ligi, pero’ l-Konvenzjoni Ewropeja tuza kliem differenti u tghid li l-kwistjonijiet iridu jigu decizi quddiem tribunal *“indipendenti u imparzjali imwaqqaf bil-ligi.”*

Illi apparti konsiderazzjonijiet ohra li fuqhom ser isiru sottomissjonijiet ulterjuri il-provvedimenti dwar l-arbitragg mandatarju ma jaghtux garanzija xierqa u oggettiva t’imparzjalita’ u ndipendenza fit-tribunal ta’ l-arbitragg specjalment meta l-arbitru ma jkunx maqbul mill-partijiet. L-arbitru maghzul huwa sottomess ghall-pjacir tac-Centru Malti ghall-Arbitragg u m’ghandu l-ebda *security of tenure*. Ic-Centru, jew ahjar ic-Chairman, jista’ jiddeciedi, ghal raguni hi x’inhi, li ma jahtarx persuna bhala arbitru, u meta titqies li c-Centru huwa, ftit jew wisq taht il-kontroll tal-Ministru ma jistax jinghad li l-hatra ta’ l-arbitru hija kompletament indipendenti mill-ezekuttiv.

Illi apparti l-fatt li n-nomina ta’ l-arbitru hi ghazla suggettiva, imma aghar minn hekk, jekk dik il-persuna

tibqax titqies bhala misthoqqha biex terga' tinghazel jiddependi hafna fuq apprezzament soggettiv tac-*Chairman* u tac-Centru tal-Arbitragg ta' Malta.

Illi in oltre l-istess arbitru hu soggett ghall-procedura ta' dixxiplina li wkoll huma ezercitanti mic-Centru tal-Arbitragg ta' Malta. Dawn il-proceduri jikkontemplaw ukoll indhil mir-registratur tac-Centru fil-mod ta' kif l-arbitru jmexxi l-process. Indubbjament din it-tip ta' procedura lanqas rimotament ma taghti garanzija ta' imparzjalita' u nuqqas t'indhil fl-operat ta' l-istess arbitru.

Illi finalment ghandu jinghad li dejjem gie guridikament meqjus li l-arbitragg ma jipprovdix il-garanziji kollha rikjesti kemm mill-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll mill-Kostituzzjoni ta' Malta, imma kien jitqies bhala process legali validu biss li l-partijiet ikunu volontarjament ghazlu dak il-process ghar-rizoluzzjoni tat-tilwima.

Illi kif ser jigi spjegat id-dritt ghall-Qorti li jgawdi kull cittadin jista' jigi rrinunzjat biss b'rizultat ta' ftehim li jkunu waslu ghalih il-partijiet li jirrikorru ghall-arbitragg.

Illi in oltre ghandu jinghad ukoll li d-decizjoni ta' l-arbitru mhix enforzabbli taht C*ouncil Regulation* numru 44/001 ta' l-Unjoni Ewropeja. Dan johloq zvantagg serju meta si tratta ta' kwistjonijiet bejn persuni residenti fi stati differenti.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li:-

1. l-Avviz Legali 279 ta' l-2005 u l-artikolu 15(II) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta imur kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu (6)(I) tal-Konvenzjoni Ewropea u kwindi mhux vinkolanti, u

2. tordna konsegwentament li l-process ta' arbitragg mandatarju numru 1470/08 kontra l-esponent jieqaf;

3. taghti dawk ir-rimedji direttivi u opportuni li jidhrilha xieraq sabiex jigu sanciti d-drittijiet kostituzzjonali u fundamentali ta' l-esponent.

**Rat ir-risposta ta' l-intimati a fol. 8 tal-process fejn wiegbu li:**

Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern ir-rikorrenti qieghed jimpunja l-Avviz Legali 279 ta' l-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Kap. 387 (Att dwar l-Arbitragg) tal-Ligijiet ta' Malta peress li qieghed isostni li dawn imorru kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

1. Illi preliminarjament l-Onor. Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u dan *ai termini* ta' l-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12.

2. Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qieghed isostni li l-provvedimenti dwar l-arbitragg mandatorju ma jaghtux garanziji xierqa u oggettiva t'imparzjalita' u indipendenza fit-tribunal ta' l-arbitragg specjalment meta l-arbitru ma jkunx maqbul mill-partijiet - infatti, fir-rikors odjern ir-rikorrenti ddikjara li l-arbitru biex jisma' l-kaz tieghu gie appuntat mic-Centru Malti ghall-Arbitragg.

Illi l-intimati jirrilevaw li minn imkien ma jirrizulta mir-rikors promotur kif dan l-arbitragg mandatorju u kif l-arbitru appuntat qeghdin fil-konkret jew potenzjalment jiksrulu d-drittijiet fundamentali tieghu. Ir-rikorrenti mhux qieghed jilmenta kontra dak li gara kontra l-interessi tieghu waqt il-proceduri fl-arbitragg mandatorju (l-ewwel seduta biss ghadha saret) u/jew mill-arbitru izda qieghed iressaq numru ta' lanjanzi *in abstracto* kontra l-artikolu tal-ligi li jimponi arbitragg mandatorju u kontra l-Avviz Legali li dahhal fis-sehh l-artikolu in kwistjoni. Ghaldaqstant, l-azzjoni odjerna ghandha tigi respinta mill-ewwel billi hija mankanti mill-element ta' l-interess guridiku dirett u attwali li huwa essenzjali ghall-prosegwiment taghha.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimati, kuntrarju ghal dak sostnut mir-rikorrenti, jichdu li l-Avviz

Legali 279 ta' l-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta jmorru b'xi mod kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

(i) F'kazijiet meta l-arbitru ma jkunx maqbul mill-partijiet, il-fatt li jigi maghzul mic-Chairman tac-Centru ma jfissirx li l-istess arbitru ser ikollu ndhil dwar il-proceduri ta' l-arbitragg u/jew dwar kif ser jiddeciedi l-kwistjoni quddiemu u li allura mhux indipendenti mill-Ezekuttiv. Huwa rilevanti wkoll li l-partijiet f'arbitragg mandatorju jistghu jaghzlu l-arbitru u l-arbitru jigi nominat mic-Chairman tac-Centru biss fil-kazijiet fejn il-partijiet ma jaqblux dwar l-arbitru.

(ii) L-arbitru maghzul mhux sottomess ghall-pjacir tac-Centru Malti ghall-Arbitragg, kif allegat, u lanqas mhu minnu li m'ghandux *security of tenure*. Infatti r-Regolamenti dwar l-Arbitragg jipprovdu ghal salvagwardji sabiex arbitru jaqdi d-dmirijiet tieghu skond il-ligi. Inoltre' rigward is-*security of tenure*, l-Att dwar l-Arbitragg jipprovdi b'mod car fl-Artikolu 10(6) li hadd ma jista' jnehhi arbitru milli jezercita' l-funzjonijiet tieghu f'kaz partikolari ladarba jkun gie appuntat. Fi kwalunkwe kaz jezistu l-garanziji ta' smigh xieraq li jirrizultaw mir-regoli processwali.

(iii) In-nomina ta' arbitru mhix wahda soggettiva, kif allegat, u dan peress li l-istess Chairman fl-artikolu 20(4) ghandu l-parametri ta' kif irid jaghmel l-ghazla tieghu. Imkien ma jirrizulta mbaghad li biex arbitru jerga' jintghazel jiddependi hafna fuq apprezzament soggettiv tac-Chairman u tac-Centru ta' l-Arbitragg ta' Malta.

(iv) Illi a kuntrarju ta' dak sostnut mir-rikorrent, il-fatt li l-arbitru huwa soggett ghall-procedura ta' dixxipplina li huma ezercitanti mic-Centru ta' l-Arbitragg ta' Malta huwa sintomatiku ta' serjeta' fit-tmexxija ta' l-istess proceduri u huma ntizi primarjament biex jizguraw l-indipendenza u l-imparzjalita' ta' l-istess arbitru. Bl-ebda mod dawn il-

proceduri ma jikkontemplaw indhil mir-Registratur tac-Centru fit-tmexxija tal-process mill-arbitru.

(v) Illi lanqas mhu korrett ir-rikorrent meta jghid li dejjem gie guridikament meqjus li l-arbitragg ma jipprovdix il-garanziji kollha rikjesti kemm mill-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll mill-Kostituzzjoni ta’ Malta, hlief meta l-partijiet ikunu volontarjament ghazlu dak il-process ghar-rizoluzzjoni tat-tilwima u dan kif ser jigu ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern.

(vi) Illi f’kaz t’arbitragg mandatorju c-cittadin mhux qed ikun imcahhad mid-dritt tieghu t’access ghall-Qorti. Infatti wara li tinghata d-decizjoni finali kemm il-darba l-partijiet ma jiftehmux b’mod espress xort’ohra hemm dritt ta’ appell lill-Qorti tal-Appell fuq punt ta’ ligi. Din hija mizura limitata ta’ kazijiet ta’ kollizzjonijiet fejn ma jkunx hemm danni fuq il-persuna w illi giet introdotta fl-interess pubbliku kemm sabiex il-partijiet f’dawn il-proceduri ma jkollhomx jinkorru l-ispejjez tal-Qorti, kif ukoll, biex il-process jithaffef u l-Qrati ma jigux inondati b’hafna kawzi ta’ dan it-tip ta’ kollizzjonijiet u jkunu jistghu jiddedikaw ir-rizorsi taghhom ghal kawzi ohra.

(vii) Illi l-ahhar ilment tar-rikorrenti ma jinkwadrax fl-argini tal-konsiderazzjoni tal-kwisjoni kostituzzjonali. B’mod partikolari l-intimati jissottomettu li l-kwistjoni dwar jekk lodo arbitrali huwiex enforzabbli fit-termini tal-Council Regulation 44/01 tal-Unjoni Ewropeja mhix relevanti ghad-determinazzjoni dwar jekk il-proceduri arbitrali mandatorji skond l-Att dwar l-Arbitragg humiex konformi mal-artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jew ma’ l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

4. Illi fi kwalunkwe kaz l-allegazzjonijiet imressqa mir-rikorrenti ghandhom jigu ppruvati.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi ghar-ragunijiet fuq esposti l-intimati jitolu, bir-rispett, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-17 ta' Ottubru 2008 a fol. 14;
Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti u partikolarment s-sentenza Grech vs Callejja deciza mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonaili) fid-19 ta' Ottubru 2007 u mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Frar 2008;
Rat in-noti tal-partijiet.

Dana r-rikors jirrigwardja l-provvedimenti tal-ligi dwar l-arbitragg mandatorju.

Ir-rikorrenti, permezz ta' dana r-rikors kostituzzjonali, irid jimpunja l-Avviz Legali 279 ta' l-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Kap. 387 (Att dwar l-Arbitragg) tal-Ligijiet ta' Malta billi qed isostni li dawn imorru kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Kontestazzjoni**

Illi skond ir-rikorrent fil-kaz in ezami guridikament mhux qed nitkellmu fuq arbitragg vera u proprja imma minn tribunal ad hoc jew qorti, ghax fil-kaz ta' arbitragg vera u proprja dan min-natura tieghu irid ikun wiehed konsenswali. Minhabba f'hekk ghandhu jkun hemm ghal dak li hu fil-fatt arbitragg sfurzat dawk is-salvagwardji rikjesti ghal tribunali u qrati. Skond ir-rikorrent hawnhekk il-legislatur qed jittratta l-arbitragg sfurzat bhala li kieku kien arbitragg konsenswali.

Ir-rikorrent isostni wkoll li t-tribunal kif kostitwit ma jeskludix kull dubbju ta' nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita' skond il-gurisprudenza Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-Bord ta' l-arbitragg ma jistax jigi kunsidrat bhala indipendenti ghax jiddependi mill-Ministru jew il-lunga manus tieghu u hu l-istess Bord li jahtar l-arbitri. Il-fatt li l-poter esekuttiv jista' jinnomina gudikatur ghall-perjodu mhux specifikat u indefinit mhux accettabili

ghax imur kontra l-indipendenza tal-gudikatur.

Ir-rikorrent isostni wkoll li t-tribunal in kwistjoni kif kostitwit jista' johloq sitwazzjonijiet ta' konflitt ta' interess u l-imparzjalita' ta' l-istess tribunal mhi xejn garantita fis-set up mahluq mil-ligi ghal dak it-tribunal. Dan ma jaghtix garanzija xierqa u oggettiva ta' imparzjalita'. Jista' jkun hemm kazijiet fejn gudikatur per ezempju li jigi mqabbad ikun jahdem f'law firm li din tkun qed taghti s-servizzi taghha lill-assikurazzjoni li jkollha interess f'arbitragg quddiem l-istess gudikatur li jkun jahdem ma' l-istess law firm u qed jithallas minghandha ghas-servizz tieghu minn fondi li jkunu mhallsa b'mod indirett minn dik il-kumpanija partikolari li tkun tuza s-servizzi professjonali ta' dik il-law firm partikolari.

L-intimati wiegbu li l-Avviz Legali 279 ta' l-2005 u l-Artikolu 15(11) tal-Kap. 387 bl-ebda mod ma jmorru kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem.

**Legittimu kontradittur**

Illi l-intimati jikkontendu preliminarjament li l-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur u japplika l-artikolu 181B tal-Kap. 12. Skond l-artikolu 181B(1) l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, u fis-sub-inciz (2) il-ligi tipprovvdi li l-Avukat Generali ghandu jirrapprezenta lill Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartiment tal-Gvern.

A skans ta' ripetizzjoni inutili l-Qorti taghmel referenza ghal dak kollu li nghad u gie deciz in propozitu fis-sentenzi fl-ismijiet Joseph Abela v. L-Onor. Prim Ministru et. tas-7 ta' Dicembru 1990 u G. Xuereb v. Registratur tal-Qrati et ta' l-14 ta' Marzu 2002. Illi fil-każ li għandna quddiemna r-rikorrenti qegħdin jattakkaw il-ligi bħala l-għajn li minnha jinħoloq il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom. F'din l-

ipoteżi, il-Gvern irid iwiegeb u jirrimedja u f'dan ir-rigward l-ebda kap ta' dipartiment ma jista' jidħol minflok il-Gvern li jirrappreżenta.

Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Nuqqas ta' interess guridiku dirett u attwali**

L-intimati wiegbu wkoll li r-rikorrent m'ghandu ebda interess guridiku dirett u attwali billi hu mhux qed jilmenta li gara xi haga kontra l-interessi tieghu waqt il-proceduri ta' arbitragg mandatorju u/jew mill-arbitru (fil-fatt saret seduta wahda biss), izda ressaq numru ta' lanjanzi *in abstracto* kontra l-artikolu tal-ligi li jimponi l-arbitragg mandatorju u l-Avviz Legali li dahhal fis-sehh l-artikolu in kwistjoni.

Kif intqal mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Debono vs Prim Ministru et", deciza fit-13 ta' April, 1992, individwu ma jistax jilmenta mill-applikazzjoni tal-ligijiet tal-pajjiz fil-konfront tieghu, qabel ma juri li r-rizultat ta' dik l-applikazzjoni fil-konfront tieghu twassal ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ligi li mhux qed jigi allegat li, fiha infisha, hija kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tista', ovvjament, meta tkun applikata ghal kaz partikolari, tohloq vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' dik il-persuna partikolari; pero', qabel ma' l-applikazzjoni tal-ligi twassal ghal dak ir-rizultat, ma jistax jinghad li l-process kontemplat f'dik il-ligi jikser id-drittijiet fundamentali ta' dak koncernat. (ara wkoll Dr. H. Vassallo vs Kumm. Elettorali PA 21 ta' Marzu 2003).

Fil-kaz in ezami r-rikorrent qed isostni li d-dritt tieghu ghall-qorti li kull cittadin igawdi qed jigi mcahhad minnu billi qed jigi mgieghel jassoggetta ruhu ghall arbitragg sfurzat li ma joffriex garanziji xierqa ta' indipendenza u imparzjalita' specjalment fejn qed jigi mpost arbitru mhux maqbul bejn il-partijiet. Ir-rikorrent f'dan il-kaz ghandu

interess attwali li jippromuovi dina l-azzjoni billi hija l-ligi stess fiha infisha, kif inhi, u mhux l-applikazzjoni taghha fil-kaz partikolari, li qed iccahhdu mid-dritt ghall-qorti imparzjali u indipendenti.

Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda wkoll.

**Konsiderazzjonijiet**

Fil-kaz in ezami r-rikorrent qed joggezzjona li l-kaz tieghu jigi gudikat f'arbitragg mandatorju billi mhux se jkollu access ghall-qorti u billi l-provvedimenti dwar l-arbitragg mandatorju ma jaghtux garanzija xierqa u oggettiva ta' imparzjalita' u indipendenza specjalment meta l-arbitru ma jkunx maqbul mill-partijiet.

Hu qed jikkontendi li l-Avviz Legali 279 ta' l-2005 u l-artikolu 15(II) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta imur kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu (6)(I) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**L-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja**

<u>L-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta jghid hekk:-</u>

*"Kull qorti jew awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b`ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli"*.

<u>L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi illi:-</u>

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta` l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b`ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u*

*l-pubbliku jista` jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta` l-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f`socjeta` demokratika, meta l-interessi ta` minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn tkun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f`cirkostanzi specjali meta l-pubblicita` tista` tippregudika l-interessi tal-gustizzja"*.

Il-Kapitolu 387, l-Att dwar l-Arbitragg, jipprovdi fl-artikolu 15(11) tieghu, illi:

*"(11) B`zieda ma` dawk imsemmija b`kull ligi ohra, il-klassijiet ta` tilwimiet imsemmija fir-Raba` Skeda huma soggetti ghal arbitragg mandatorju u f`dawk il-kazijiet il-partijiet ghandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta` arbitragg relatat ma` dawk it-tilwimiet"*.

Ir-Raba` Skeda ta` dak l-Att, kif emendat bl-Avviz Legali 279/2005, jipprovdi, fost hwejjeg ohra, li tilwima civili jew kummercjali dwar traffiku ta` vetturi bil-mutur li torigina minn kollizzjoni bejn vetturi, u l-valur tat-tilwima ma jkunx jeccedi l-Lm5,000, ghandhom jigu determinati b`arbitragg.

Illi waqt li l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "*qorti jew awtorita' ohra gudikant mwaqqfa b'ligi*" l-Konvenzjoni titkellem dwar "*tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi"*.

Il-Kap. 387 l-Att dwar L-Arbitragg jipprovvdi t-twaqqif ta' "tribunal ta' arbitragg" li hu kompost minn arbitru wiehed jew numru ta' arbitri.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza A. Grech vs C. Calleja deciz fid-29 ta' Frar 2008:

"Hemm zewg interpretazzjonijiet li jistghu jinghataw lill-kelma "qorti" – wahda li tillimita din il-kelma ghal dawk l-organi li jiffurmaw parti mill-istruttura gudizzjarja ordinarja (u li huma dejjem presjeduti minn Imhallef jew minn Magistrat), u ohra li testendi din il-kelma ghal kull organu (li jista' jissejjah anke "tribunal", "bord", "kummissjoni",

“panel” ecc.) li ghandu certa funzjoni aggudikanti simili ghal dik ta’ organu li jissejjeh “qorti” u li jifforma parti mill-istruttura gudizzjarja ordinarja kif inghad. Pero` wiehed ma jistax jargumenta li, ghax tali organu ghandu l-istess funzjoni, jew funzjoni simili ghal dik, ta’ “qorti” allura dak l-organu hu “qorti”.

Skond il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

“The word “tribunal” in Article 6(1) is not necessarily to be understood as signifying a court of law of the classic kind, integrated within the standard judicial machinery of the country”. (Campbell and Fell vs UK u X v U.K. 1981).

“According to the Court’s case-law, a “tribunal” is characterized in the substantive sense of the term by its judicial function, that is to say, determining matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner (H v Belgium). It must satisfy a series of further requirements – independence, in particular of the executive; impartiality; duration of its members’ terms of office; guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of Article 6 (1) itself”. (Le Compte, Van Leuven and DeMeyere judgment).

L-istess hsieb kien gie akkolt fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-3 ta’ Dicembru, 1997 fl-ismijiet ***Cecil Pace et v. Onorevoli Prim Ministru et*** fejn inghad hekk:

“Tribunal jew, kif grafikament espress fil-Kostituzzjoni, “awtorita` gudikanti” imwaqqfa b’ligi biex ikun jista’ jikkwalifika bhala tali jehtieg li jkun karatterizzat bil-fatt li jkun korp b’funzjoni gudizzjarja bil-fakolta` li jiddetermina u jiddeciedi materji li skond dik il-ligi jaqghu fil-kompetenza tieghu. Hu korp li jehtieg li jipprocedi skond ir-regoli precizi u ben stabbiliti fil-ligi li tikkostitwih u li jiddecidi skond dawk ir-regoli. Ghandu jkollu l-poter li jorbot lill-partijiet li jidhru quddiemu in kontestazzjoni u d-decizjoni tieghu jehtieg allura li jkollha effett vinkolanti anke jekk mhux neccessarjament b’mod finali. Mill-banda l-ohra dan il-korp mhux bilfors ghandu jkun jifforma parti mill-istruttura

gudizzjarja ordinarja pero` jrid jinkorpora fih dawk il-karatteristici fondamentali assocjati mal-process gudizzjarju li jkunu jiggarantixxu s-smigh xieraq fosthom dak il-minimu ta' indipendenza u imparzjalita` essenzjali biex juru li mhux biss il-gustizzja tkun qed issir sewwa u kif mistenni imma li jkun hemm jidher fid-dieher li jkun qed isir.

Ghalhekk "tribunal" jista' jitqies bhala Qorti ghall-finijiet ta' l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni u Kap. 319.

Ir-rikorrent jissottometti li dan il-kas it-tribunal ta' l-arbitragg mhux wiehed ta' arbitragg "volontarju" izda arbitragg "sfurzat jew mandatorju". Arbitragg generalment hu meqjus bhala process legali validu li l-partijiet ikunu volontarjament jaghzlu ghar-rizoluzzjoni tat-tilwima li jkollhom u ghalhekk huma jkunu b'hekk jirrinunzjaw ghal access ghal qorti u ghal *public hearing by a tribunal established by law* u jghaddu minghajr il-garanziji kollha rikjesti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Qorti Ewropeja dana accettatu billi ma jmurx kontra l-Konvenzjoni, basta li dina r-rinunzja tkun wahda volontarja u mhux imposta.

Hekk, per ezempju, insibu li fil-kaz dwar l-ammissibilita' fl-applikazzjoni numru 28101/95 Lila Marianne NORDSTRÖM-JANZON u Aira Marja NORDSTRÖM-LEHTINEN kontra in-Netherlands:

"The arbitration was thus based on a voluntary agreement according to which disputes between the parties should not be settled by the ordinary courts but under a special arbitration system. Consequently, there was a renunciation by the parties of a procedure before the ordinary courts satisfying all the guarantees of Article 6 of the Convention".

F’kaz iehor ta’ **Deweer** (Eur. Court HR, Deweer v. Belgium judgment of 27 February 1980, Series A no. 35, pp. 25-26, para. 49) il-Qorti Ewropeja osservat li:

"In the Contracting States' domestic legal systems a waiver ... is frequently encountered ... in civil matters, notably in the shape of arbitration clauses in contracts ... **The waiver,** which has undeniable advantages for the individual concerned as well as for the administration of justice**, does not in principle offend against the Convention.**

The Court nevertheless specified that in such a case, the **absence of constraint is one of the conditions to be satisfied**. Account must be taken not only of the arbitration agreement between the parties and the nature of the private arbitration proceedings, but also of the legislative framework providing for such proceedings **in order to determine whether the domestic courts retained some measure of control of the arbitration proceedings** and whether this control has been properly exercised in the concrete case.

Fil-kaz ta’ l-applikazzjoni numru 11960/86 Jon AXELSSON and Others kontra Sweden, l-applikanti kienu ilmentaw li huma ma kienux inghataw l-opportunita’ li jkollhom id-drittijiet civili taghhom jigu ezaminati minn Qorti indipendenti u imparzjali. Il-Qorti qalet li:

“As stated by the Court in the Golder case (loc. cit., pp. 18-20, paras. 37-40; see also Eur. Court H.R., Ashingdane judgment of 28 May 1985, Series A No. 93, pp. 23-26, paras. 53-59) the right of access to the courts is not absolute. In the majority of the Contracting States, the right of access to courts is restricted or subject to special conditions in respect of minors, vexatious litigants, persons of unsound mind, persons declared bankrupts and, as in this case, persons who are bound by an arbitration agreement. Such regulations are not in principle contrary to Article 6 of the Convention, where the

aim pursued is legitimate and the means employed to achieve the aim is proportionate.

Insofar as arbitration is based on agreements between the parties to the dispute, it is a natural consequence of their right to regulate their mutual relations as they see fit. From a more general perspective, arbitration procedures can also be said to pursue the legitimate aim of encouraging non-judicial settlements and of relieving the courts of an excessive burden of cases”.

Fil-kaz in ezami l-arbitragg li r-rikorrent qed jilmenta minnu hu wiehed impost mill-legislatur u mhux wiehed li l-partijiet setghu ghazlu volontarjament b’hekk huma qed jigu mcahhda mid-dritt li jadixxu l-qorti ordinarja biex tiddetermina t-tilwima taghhom. Is-sistema li l-legislatur kellu joffri kellha tkun wahda ta’ tribunal indipendenti u imparzjali kif tirrikjedi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja.

Din il-Qorti ghalhekk se tezamina jekk fil-fatt it-tribunal ta’ l-arbitragg mandatorju jaghtix dawn il-garanziji.

**Tribunal Indipendenti**

Il-Qorti Ewropeja kemm il-darba affermat il-principju li:

“In determining whether a body can be considered to be “independent” –notably of the executive and of the parties to the case, the Court  has to have regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence”. (sentenzi Le Compte; Piersack; Delcourt).

L-intimati jikkontendu li t-Tribunal ta’ l-Arbitragg iwettaq il-funzjonijiet tieghu fil-parametri tal-Ligi u l-arbitru mhux sottomess ghall-pjacir tac-Centru dwar l-Arbitragg. Ic-Chairman ghandu l-parametri ta’ kif ghandhu jaghmel l-ghazla (art. 20(4) tal-Kap. 387) u r-regolamenti jipprovdu

s-salvagwardji sabiex arbitru jaqdi d-dmirijiet tieghu skond il-Ligi. (ara 23, 24).

Fil-kaz prezenti, ghal dak li jirrigwarda l-komposizzjoni tat-Tribunal ta’ Arbitragg dan hu maghmul minn arbitru wiehed, jew, jekk iridu l-partijiet, minn tlett arbitri. Dawn l-arbitri jigu mahtura minn grupp ta’ arbitri li huma maghzula mic-Centru dwar l-Arbitragg. Ghalhekk litigant irid jaghzel minn dan il-grupp ta’ arbitri u jekk ma jkunx hemm qbil dwar l-ghazla ta’ arbitru; in-nomina ta’ l-arbitru ssir mic-Chairman tac-Centru dwar l-Arbitragg u d-decizjoni tieghu “tkun finali u konkluziva” (artikolu 20 (3) tal-Kap. 387). Ghalhekk fl-ahhar minn l-ahhar il-litigant ma tantx ghandu ghazel wiesa fl-arbitru li jista’ jintghazel.

Ic-Chairman tac-Centru dwar l-Arbitragg ta` Malta hu mpoggi f`dik il-kariga mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja (artikolu 4 (2)) ghal perjodu ta` sitt snin, (Art 6 ). Bhal membri l-ohra tac-Centru, hu jwettqa l-funzjonijiet tieghu skond l-arbitriju individwali tieghu u mhux suggett ghad-direzzjoni jew kontroll ta` xi persuna jew awtorita` ohra (artikolu 4(4)). Huwa eligibbli ghal hatra mill-gdid meta jintemm iz-zmien tal-hatra tieghu (Artikolu 6(1)).

Meta jigi biex jaghmel il-hatra ta’ arbitru, ic-Chairman iqis kull haga li x`aktarx tizgura l-hatra ta` arbitru indipendenti u imparzjali, u l-membri tal-Gruppi ta` Arbitragg Domestiku mwaqqfa skond il-ligi. (artikolu 20 (4)).

Il-persuna li tigi appuntata bhala arbitru tista` titnehha mill-grupp ta` arbitri mic-Centru **“f`kull zmien”,** b`dan pero li t-tnehhija ma tkunx torbot xi procedimenti ta` arbitragg li huwa jkun seta` diga` gie mahtur fihom. (artikolu 10(2)(6)).

Skond dawn ir-regolamenti l-arbitru fil-fatt hu soggett ukoll ghall-proceduri ta’ dixxiplina li huma ezercitati mic-Centru dwar l-Arbitragg. Inoltre l-Avviz Legali 421 ta’ l-2004 jaghti lir-Registratur tac-Centru poteri wiesa hafna biex jikkontrolla l-mod kif l-arbitru jmexxi l-procedimenti. Biss biss l-artikolu 72 jaghti l-poter lir-registratur biex jindahal fl-immaniggar tal-procedimenti mill-arbitru jekk hu jhoss li dana ma jkunx qed jimmaniggja b’mod efficjenti l-

proceduri. Inoltre fis-sub-para 6 (b) ta’ l-istess artikolu 72, il-Bord tac-Centru ghandu l-poter li jnehhi lill-arbitru mill-arbitragg anke minn kaz li jkun qed jinstema quddiemu jekk dan ma jkunx qed jimxi mal-procedura u ordinijiet tar-Registratur.

L-arbitru ghalhekk huwa sottomess ghal decizjoni tac-Centru u hu c-Centru, jew ahjar, ic-Chairman, li jista` jiddeciedi, ghar-raguni hi x`inhi jahtarx persuna bhala arbitru jew jergax jinnominah fuq kaz iehor. Ghalhekk mhux biss in-nomina ta` persuna biex iservi bhala arbitru hija ghazla soggettiva tac-Centru, izda, aktar minn hekk, jekk dik il-persuna tibqax titqies bhala misthoqqa biex terga tinghazel, jiddependi hafna fuq apprezzament soggettiv tac-Chairman u tac-Centru dwar l-Arbitragg.

L-arbitru ma jgawdi ebda *security of tenure*. Hu m’ghandu ebda terminu fiss a differenza, per ezempju, ta’ gudikatur fit-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar. L-arbitru maghzul ghal kazijiet specifici u jista’ ma jintghazilx qatt aktar biex iservi ta’ arbitru jekk ma jinghogobx.

Huwa veru li anke gudikant f’Qorti jista’ jigi nominat ghall perjodu fiss (ara per ezempju l-Imhallfin tal-Qorti Ewropeja) izda dan hu accettat basta li “ during that period there is security of tenure which guarantees against interference by the executive in a discretionary or arbitrary manner”, (Clancy vs Robin Dempsey Caird u Brincat vs A.G. 4 ta’ April 2000). Il-gudikatur tat-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar hu appuntat ghal perjodu fiss, mhux renovvabbli, u f’dak il-perjodu ghandu *security of tenure* u ma jistax jitnehha hlief skond kif jipprovvdi l-artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni. (Ara art. 4(6) tal-Kap. 380).

Huwa minnu li gudikant jiddependi, ghall-hatra tieghu, ftit jew wisq, mill-esercizzju tad-diskrezzjoni soggettiva tal-Gvern tal-gurnata, pero`, darba mahtur, kull Imhallef u Magistrat jgawdi minn *“security of tenure”*, b`mod li ma jistax jitnehha mill-kariga jekk mhux minhabba inkapacita` pruvata u bi qbil ta’ zewg terzi tal-membri tal-Kamra tar-Rapprezentanti.

L-intimati ssottomettew ukoll li, f`kull kaz, r-rikorrent ghandu dritt jirrikorri quddiem Qorti billi hu jista’ jappella mid-decizjoni arbitrali. Il-Qorti tirrileva li hu veru li l-ligi tipprovvdi dan id-dritt ta` appell izda l-appell hu wiehed limitat ghal punt ta` ligi. Ir-rikorrent fil-proceduri t’arbitragg, m`ghandux il-fakolta` li l-kaz tieghu jigi mistharreg minn Qorti mil-lati kollha taghha imma biss fuq punt ta’ ligi. Ma hemm xejn irregolari li ligi tipprovdi appell limitat fil-kaz ta’ min volontarjament jaghzel li jkollu l-kaz tieghu mistharreg minn arbitru, izda l-kaz m’ghandux ikun hekk meta persuna tigi mgieghla toqghod ghal arbitragg mandatorju u sfurzat, u l-kaz kollu kemm hu, f`xi stadju, ma’ jigiex mistharreg minn Qorti indipendenti u imparzjali. Kif gie deciz: “Where claims may be put before a court but the court does not have full jurisdiction over the facts and legal issues in the case, there may be a denial of access to court. (Terra Woningen BV v Netherlands 1996).

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, fil-kaz ta’ arbitragg mandatorju, meta wiehed jikkunsidra dana kollu kif ukoll u li l-hatra ta’ arbitru u jekk jaqdix il-funzjoni tieghu jew le tiddependi mic-Centru dwar l-Arbitragg, li da parti tieghu ftit jew wisq hu taht il-kontroll tal-Ministru tal-Gustizzja, dawn il-provvedimenti tal-Kap. 387 ma jaghtux garanzija xierqa u oggettiva ta’ indipendenza fit-Tribunal tal-Arbitragg partikolarment meta l-arbitru ma jkunx maqbul mill-partijiet.

## Tribunal Imparzjali

Tribunal, apparti li jkun indipendenti jrid ukoll ikun imparzjali. Kif qalet il-Qorti Ewropeja: “As regards “impartiality” the Court pointed out that the existence of impartiality for the purposes of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect”. (Saraiva de Carvalho vs Portugal (1994) Fey vs Austria (1993).

“In this context appearances have a role to play… In deciding whether there is a legitimate reason to fear that a court lacks independence or impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified”. (Coeme & Others vs Belgium 2000).

Il-parzjalita’ soggettiva hija l-konvinciment partikolari tal-gudikant li jkun. Il-presunzjoni hija li gudikant huwa imparzjali sakemm ma jintweriex mod iehor (Le Compte). Ghalhekk min jallega l-parzjalita’ jrid jipprovaha. Fil-kaz in ezami r-rikorrent mhux qed jallega li ntweriet xi parzjalita’ soggettiva da parti ta’ l-arbitru nominat.

Il-parzjalita’ oggettiva hija dika fejn il-gudikant ma jaghtix garanziji bizzejjed li jnehhi kull dubbju legittimu li l-konvinciment personali tieghu fil-kaz ma kienx wiehed suspett.

Skond il-Qorti Ewropeja: “The objective approach refers to the question of whether the way in which the tribunal is composed and organized, or a certain coincidence or succession of functions of one or more of its members, may give rise to doubt as to the impartiality of the tribunal or that member. If there is justified reason for such doubt, even if subjectively there is no concrete indication of bias of the person in question, this already amounts to inadmissible jeopardy of the confidence which the court must inspire in a democratic society”. (Piersack, De Cubber; Saraiva de Carvalho; Morris u Kleyn and others judgments).

Fil-kaz prezenti, minn dak li ntqal jezistu dubbji gustifikati dwar il-parzjalita’ oggettiva tat-Tribunal ta’ l-arbitragg kemm fir-rigward ta’ kif inhu kompost u organizzat kif ukoll dwar il-hatra u t-tnehhija ta’ l-arbitri.

Fil-kaz in ezami s-sistema alternativa ta’ risoluzzjoni ta’ tilwim bejn partijiet li mpona l-legislatur ma hallitx ghazla lill-partijiet imorrux ghall-arbitragg jew le ghalhekk minhabba n-nuqqas ta’ garanziji li l-Qorti rravvizat il-

fiducja tal-partijiet li jidhru quddiem dak it-tribunal tista' tigi mxelfa jekk mhux tispicca ghall-kollox. Fin-nuqqas ta' sistema li taghti dawn l-garanziji xierqa, kazijiet bhal dawn ghandhom jibqu jigu mistharrga mill-qrati ordinarji li jaghtu l-garanziji soliti ta' indipendenza w imparzjalita.'

**Decide**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara li l-Avviz Legali 279 ta' l-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Kap. 387 (Att dwar l-Arbitragg) tal-Ligijiet ta' Malta jmorru kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk dawn mhumiex vinkolanti u ma jorbotx lill-imsemmi Tribunal.
Tordna konsegwentament li l-process ta' arbitragg mandatarju numru 1470/08 kontra l-esponent jieqaf;
Tordna li kopja ta` din id-decizjoni tintbaghat lill-ispeaker tal-Kamra tad-Deputati biex din tirregola ruha skond il-ligi.
L-ispejjez ta` din id-decizjoni jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------